**25 ta' Novembru, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.**

Maria mart Daniel Saliba minnu assistita

*versus*

Giuseppe Portelli, et

**Eredi — Leġittima — Legat.**

*Għalkemm huwa veru li għall-*pagament *ta' xi legat jew xi parti*

*mill-leġittima għandu jiġi mħarrek l-eredi biss, hu ormai paċifiku li jiġu mħarrka "għall-interess li jista' jkollhom" il-leġittimarji, għall-finijiet tal-likwidazzjoni biex il-leġittima tiġi stabilita fl-ammont jew valuri simili fil-konfront ta' kull leġittimarju.*

Il-*Qorti*, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi fit-30 ta' April, 1961 miet Grazio Portelli, rispettivament missier u nannu *tal-kontendenti*, u *b'testment* tiegħu tal-14 ta' Marzu, 1960 fl-atti tan-Nutar Dottor George Cassar (Dok. A) istitwixxa eredi tiegħu lill-ibnu, il-konvenut Giuseppe Portelli, u ħalla lill-uliedu l-oħrajn, fosthom l-attriċi, il-leġittima spettanti skond il-liġi; peress illi l-komnujoni tal-akkwisti bejn id-decuius u martu Paola, ġiet xolta u likwidata b'kuntratt tal-istess Nutar tad-29 ta' Mejju, 1960 (Dok. B), li in forza tiegħu l-imsemmija Paola Portelli rrinunzjat għal kull dritt tagħha ta' *suċċessjoni* fuq il-wirt ta' żewġha, peress illi l-attriċi trid tikkonsegwixxi l-import tal-leġittima li tmiss lilha mis-suċċessjoni tad-decuius — talbet li jiġi likwidat l-import tal-leġittima *li hija dovuta skond il-liġi lill-attriċi mis-suċċessjoni* ta' missierha Grazio Portelli, li l-assi teigħu jiġi għalhekk likwidat u dikjarat li jikkonsisti fil-beni u sostanzi li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u jiġi nominat Nutar biex jirċievi l-att opportun u kuraturi biex jirrappreżentaw lill-kontumaċi fuq dak l-att bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-16 ta' Ġunju, 1961;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi u n-nota ta' x-xhieda tagħha, kif ukoll id-dokumenti prodotti maċ-ċitazzjoni;

Rat a fol. 8 in-nota *tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Giuseppe* Portelli li eċċepixxa (1) preliminarjament li l-konvenuti l-oħra ġew imħarrka bla skop stante li l-esponent huwa l-uniku eredi u l-azzjoni missa saret kontra tiegħu biss, u din l-eċċezzjoni qegħda ssir għall-finijiet tal-kap ta' l-ispejjeż, u

(2) li hu qatt ma oppona li jiġi assenjat lill-attriċi sehma mill-leġittima lilha spettanti jekk din fil-fatt fadlilha x'tiehu wara li din tiġi likwidata billi qabel trid taqta' d-dota li irċeviet;

OMISSIS:

Ikkunsidrat fuq l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Giuseppe Portelli.

Illi għalkemm huwa veru li huwa l-eredi — f'dan il-każ il-konvenut Giuseppe Portelli li qajjem din l-eċċezzjoni — u ebda wieħed mill-legatarji jew leġittimarji li jkompli l-personalità ġuridika tad-decuius u li l-leġittima hija "portio bonorum" mhux "quota haereditatis", b'mod li għall-pagament ta' xi legat jew ta' xi parti mill-leġittima għandu jiġi mħarrek l-eredi biss, mill-banda l-oħra huwa ormai paċifiku li, anke għal raġunijiet ta' uniformità u ta' prattiċità, u biex il-leġittima ma tiġix stabbilità f'ammonti jew valuri differenti fil-konfront ta' kull leġittimarju, għandhom interess li jkunu mħarrkin għall-finijiet tal-likwidazzjoni biss, kif distinta mill-pagamenti tagħha;

Illi fiċ-ċitazzjoni l-konvenuti leġittimarji huma mħarrkin sewwa "għall-interess li jista' jkollhom". Għalkemm huma, barra minn Andrea Portelli, baqgħu kollha kontumaċi, huma għandhom l-interess li jikkontrollaw jekk iridu l-likwidazzjoni tal-leġittima.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tirrespinġi l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Giuseppe Portelli bl-ispejjeż kontra tiegħu, u tiddiferixxi l-kawża għall-15 ta' Diċembru, 1965 għall-kontinwazzjoni jew provvediment.